**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru 2016

Talba Numru: 259/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 36

**Michael Attard Limited (C32362)**
**National Road, Blata l-Bajda**

**vs**

**Ludwig Calleja (K.I. 433173M)**
**30, Sunflower, Triq il-Harruba, Mgarr, Malta**
**U**
**Claire Calleja (K.I. 337374M)**
**30, Sunflower, Triq il-Harruba, Mgarr, Malta**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-13 ta' Lulju, 2016, illi permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elfejn u erbgha u tmenin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,048.88c) minghand il-konvenuti rapprezentanti import ta' ghaxar (10) kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenuti.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestawx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota tas-Socjeta' attrici tas-07 ta' Ottubru, 2016 li permezz taghha s-Socjeta' attrici cediet is-sorte tal-kawza stante hlas fil-mori tal-kawza izda zammet fermi l-kap tal-ispejjez.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba ghall-ispejjez ma gietx kontestata mill-konvenuti, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici a fini ta' spejjez ta' din il-kawza u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez ta' din il-kawza a karigu tal-istess konvenuti.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**